# FRANCESCO SAVERIO SCIORTINO

## Arkitett u Skultur (1875-1958)

***Daniel Meilak***

Din is-sena jaħbat għeluq il-ħamsin sena mill-mewt ta' bniedem li ħalla fir-raħal tagħna monument ħaj tiegħu; Francesco Saverio Sciortino. Xieraq, li meta nħarsu lejn il-Bażilika tagħna, b'mod speċjali lejn il-koppla, in-navi u l-faċċata, niftakru f'dan il-bniedem li ħalla l-marka tiegħu f'raħalna b'dawn l-opri li jagħmlu ġieħ lill-Bażilika tagħna li hija l-qalba tal-membri tal-komunità nisranija ta' din il-parroċċa. Għalhekk, f'dan il-ħamsin anniversarju mill-mewt tiegħu, tkun ħaġa f'lokha li nagħtu ħarsa lejn ħajjet dan l-arkitett u skultur, kif ukoll dwar diversi xogħlijiet li għamel f'raħalna.



*Francesco Saverio Sciortino*

Francesco Saverio, bin Ġużeppi Sciortino u Saverja Said twieled fit-12 ta' Novembru, 1875 f'Ħaż-Żebbuġ, Malta[1]. L-għada, ġie mgħammed mill-Arċipriet Dun Pietru Bartolo u l-parrinijiet tiegħu kienu Antonio Sant mill-Mosta u Victoria Sciortino. L-ismijiet li tawh kienu: Francesco Saverio, Anġlu, Ġużeppi u Filippu[2]. Antonio Sciortino, skultur magħruf Malti li għamel isem kien jiġi ħuh, filwaqt li Lazzaro Pisani, pittur li wkoll għamel isem, kif ukoll rabat ismu man-Nadur għax kien hu li pitter is-saqaf tal-Bażilika tagħna, dan kien jiġi kuġinuh. Dwar tfulitu ftit li xejn nafu, iżda jingħad minnu stess li hu kien bin il-bdiewa u meta kien għadu daqsxejn ta' tfajjel kien imur jirgħa l-bhejjem ta' missieru. Nistgħu ngħidu li ż-żerriegħa li wara żviluppat f'ħila kbira kienet fiħ sa minn żmien tfulitu. Waqt li jkun jirgħa l-bhejjem, biex jgħaddi l-ħin, kien jintasab fuq xi ħajt u b'ġebla tal-franka u mus f'idu kien jeħda jimmudella xi figura. Meta beda jitfarfar, kien kuġinuh Lazzaro Pisani li laqqa' liż-żagħżugħ Sciortino ma' skultur famuż, il-Professur Vincenzo Cardona, li wara sar l-għalliem tiegħu fl-immudellar. Barra minn hekk, l-artist żagħżugħ kien ispirat mix-xogħol ta' skultur ieħor li ma tantx jingħata mportanza, Giulio Moschetti li fl-1891 ġie Malta biex jimmudella il-bust tal-Markiż Buġeja. Lazzaro Pisani ħa lil Sciortino biex jara dan ix-xogħol ta' Moschetti. Jidher li Moschetti ikkultiva f'Sciortino ix-xewqa li jmur jistudja Ruma. Fl-1895, Francesco Saverio pproduċa l-mudell għall-biċċa xogħol fl-altar tal-knisja ta' raħlu, Ħaż-Żebbuġ, fuq disinn ta' Lazzaro Pisani. Dan huwa xogħol ta' ħila għal skultur żagħżugħ bħal ma kien Sciortino (kellu għoxrin sena).

Il-kuntatti li kellu Lazzaro Pisani f'Ruma swew mitqlu deheb meta Sciortino telaq minn Malta biex mar jistudja Ruma. Dan seħħ fis-sena 1897, meta kellu 22 sena. F'din il-belt, Francesco Saverio kien akkumpanjat minn ittra ta' rakkomandazzjoni miktuba minn kuġinuh Pisani lil ħabibu f'Ruma li għenu jidħol f'*Regio Istituto di Belle Arti*. Sciortino hawn studja l-arti ta' l-iskultura, l-arkitettura u dekorazzjoni. F'dan l-istess perjodu, huwa attenda wkoll klassijiet ta' filgħaxija fil-*Municipio*. Dan kien joffri kors fid-dekorazzjoni ornamentali taħt il-Prof. Ojetti u anke attenda l-*British Academy of Art*. Biex nagħti ideja tal-ħila ta' dan l-artist, insemmi eżempju wieħed. F'*Regio Istituto di Belle Arti*, Sciortino iddistingwa lilu nnifsu bħala wieħed mill-aqwa studenti u rebaħ l-ewwel premju *cum laude* fl-istudju tan-*nude* fl-eżamijiet annwali ta' l-1902. F'dan il-każ, l-artist kien irrapreżentat bl-iskultura li turi 'Il-Martirju ta' l-Assedju tal-Forti Sant'Iermu'.



Bil-wieqfa mix-xellug għal-lemin: Ġużepp Buttigieg "Ir-Raħli" minn fuq ta' Ċini, (dan kellu accident meta waqa' mill-faċċata u kiser siequ.); Ċikku Farrugia "Ta' Ċiatta" mix-Xewkija, imgħallem u bennej; Dekan Can. Dun Anton Camilleri; Dun Ġużepp Haber; Arċipriet Dun Martin Camilleri; Arkitett Franġisku Saverju Sciortino; Ġużepp Azzopardi "Il-Lola"; Salvu Portelli "It-Taljan" minn tas-Sultan; Mikieli Camilleri "Tas-Slett"; Ġużepp Attard "Il-Laħam"; Salvu Mizzi "Ta' Rafiel" minn fuq ta' Ċini.
Bil-qegħda fl-art mix-xellug għal-lemin: Salvu Mizzi "Tas-Saddu" minn fuq ta' Ċini; Frenċu Bajada "Ta' Bikri" mit-Triq tal-Għajn (kien jagħmel xogħol fuq il-lavur); Ġanni Cassar "Ta' Brajġu"; Frenċu Grech "Il-Pita"

*Francesco Saverio Sciortino waqt xogħol fin-Nadur*

Wara li temm l-istudji tiegħu bl-ikbar unuri, huwa mar Milan fl-*Accademia di Belle Arti* f'*Palazzo Brera* biex ikompli jistudja. Hawnhekk kien taħt it-tmexxija ta' l-iskultur Eugenio Butti. F'dan il-perjodu, Sciortino pproduċa l-ewwel xogħolijiet tiegħu għal Malta[3]. Kien proprju ġewwa Milan li Sciortino ltaqa' mal-Kan. Martin Camilleri minn Nadur li aktar tard kellu jkun Arċipriet ta' l-istess parroċċa. Din il-laqgħa ta' Sciortino mal-Kan. Martin kellha tkun il-bidu ta' sensiela ta' kumissjonijiet li Sciortino kellu fin-Nadur u li bihom, rabat ismu ma' dan ir-raħal. Fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin, Francesco Saverio kien għalliem ta' l-arti u d-disinn fl-iskejjel tal-gvern. Ġie mqabbad ukoll fuq biċċa xogħol oħra, din id-darba mill-gazzetta *Daily Malta Chronicle* sabiex jagħmel monument tal-Markiż Giuseppe Scicluna fil-ġnien tal-Mall, il-Furjana. F'dan l-istess perjodu, Sciortino ħadem bosta monumenti għal oqbra ta' nies importanti fosthom dak ta' Sir Temi Zammit u għall-familji nobbli bħal ta' Apap Testaferrata u Navarro. Fl-1911, ġie nkarigat biex jorganizza *The Coronation Exhibition* ta' Londra. Għal din il-wirja, huwa esebixxa sitt statwi li jirrapreżentaw suġġetti differenti flimkien ma' disgħa oħra b'tema folkloristika. Fost dawn l-istatwi nsibu waħda bit-titlu ta' *Dames de L'Ile De Malte* li tiffigura mara bl-għonnella, tipikament il-mara Maltija. Din l-istatwetta kisbet ħafna tifħir u ġiet esebita kemm-il darba f'wirjiet internazzjonali[4].

Mill-1914 'il quddiem, l-istorja ta' Sciortino tieħu xejra differenti milli kellha qabel, mhux biss, imma din ix-xejra ġdida fil-ħajja ta' dan l-artist kienet qed tirrifletti wkoll is-sitwazzjoni li kien hawn f'Malta u fl-Ewropa ta' dak iż-żmien.

Qed nirreferi għas-sena 1914. Fl-Ewropa kien ilu jinħema kull ma' kien meħtieġ biex fl-aħħar tfaqqa' gwerra li qatt ħadd ma kien ra bħalha fl-istorja tad-dinja. Dan seħħ tassew għax fl-1914 faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija, li kienet meqjusa bħala l-Gwerra l-Kbira li kellha ttemm il-gwerer kollha. Għalhekk, ma setgħax jonqos li s-sitwazzjoni f'Malta kienet ukoll xi ftit f'atmosfera ta' tensjoni. L-aktar, għaliex Malta kienet kolonja Ingliża, u bla dubju l-Ingliżi kienu qed iħejju ruħhom għall-gwerra anke f'Malta. Francesco Saverio fl-1914, ħass li f'Malta ma tantx kien baqa' xogħol u allura emigra lejn il-Kanada, sewwa sew f'Montreal. Hawnhekk mill-ewwel stabilixxa ruħu u ħadem statwi ornamentali, dekorazzjoni fis-swali u fid-djar tas-sinjuri u anke għamel xogħolijiet ta' arkitettura. Il-fama tiegħu xterdet saħansitra minn Halifax sa Vancouver.

Ma naħsbux li dan is-suċċess ġie waħdu jew inkella li ġie mingħajr tbatija ta' xejn. Sciortino, bħal kull bniedem ieħor li emigra lejn pajjiż imbiegħed kellu jbati u jagħmel ħafna sagrifiċċji biex irnexxa. F'Novembru, 1921, waqt assembleja ġenerali, ġie elett bħala *Associate of the Royal Canadian Academy of Arts* (A.R.C.A). Dan, minn banda kompla jżidlu l-fama li diġà kellu, u mill-banda l-oħra ġibed iktar kritiċi ta' l-arti. Fis-sitta u erbgħin edizzjoni ta' l-esebizzjoni ta' din l-akkademja, Sciortino pparteċipa b'erba' xogħlijiet. Dawn kienu: *Martyr of the Fort St. Elmo Siege, Dames de L'Ile De Malte, Weight of Dissoliution* u *Permanent Smile.* Fuq dawn ix-xogħlijiet, l-iskultur qala' ħafna kliem ta' tifħir mill-pubbliku kif ukoll mill-istampa. Infatti, fuq il-gazzetti dehru kummenti bħal: *"He is a high class sculptor"* u *"He is a sensible and vibrant artist"*. Tajjeb li ngħidu wkoll, li xogħolijiet minn tiegħu ta' din il-ħabta saru anke fil-knejjes, bħala eżempju nieħdu l-Via Sagra li għamel għall-knisja ta' San Ljun f'Montreal West. Fl-1924, iżżewweġ lil Marguerite Grenier li kienet armla ta' Armand Daoust u minn dan iż-żwieġ kellhom tifel bl-isem ta' Joseph.

Sciortino ħalla l-kanada u mar f'Malone, l-Istati Uniti ta' l-Amerka. Ftit taż-żmien wara, mar lejn New York, fejn issieħeb mall-*Union of Sculptors and Modellers* li minnha kien jiġi kkumissjonat għall-xogħolijiet fil-qasam tiegħu. Ħadem għal tmintax-il xahar f'Boston ma ħamsa u għoxrin artist internazzjonali. Minn Boston mar lejn Hartford u Philadelphia fejn ħadem għal madwar sena, sakemm reġa' lura lejn New York u hawn ħadem għal sentejn sħaħ ukoll fuq statwi dekorattivi. Ħadem għal sentejn ukoll ġewwa Havana, il-kapitali ta' Kuba. Dawn kienu żminijiet ta' ħafna nċertezzi minħabba s-sitwazzjoni politika u ekonomika xejn sabiħa li kienet qed tiżviluppa. Minħabba dan il-fatt, ħafna mix-xogħol ta' Sciortino huwa mxerred f'ħafna postijiet u mhux dejjem dokumentat. Biex jaħrab mill-krizi ekonomika u bill-biża' li jispiċċa bla xogħol, reġa' lura lejn Montreal u wara mar Toronto. Ġewwa Toronto sab xogħol ġo funderija, imma wara ftit taż-żmien din il-funderija, flok kompliet taħdem fuq affarijiet artistiċi, bdiet tipproduci affarijiet militari! Għal din ir-raġuni, reġa' lura lejn Montreal, fejn għamel erba' snin b'xogħol mill-inqas, għalhekk, fl-1939 iddeċieda li jerġa' lura Malta. Proprju f'din l-istess sena, Sciortino kellu jsib ma' wiċċu it-Tieni Gwerra Dinjija. Nistgħu ngħidu li din il-gwerra laqtet lil Malta iktar mill-ewwel waħda. Minbarra l-bumbardamenti mit-Taljani Faxxisti u l-Ġermaniżi Nażisti, l-Maltin u l-Għawdxin batew ġuħ u għaks u l-pajjiż kien waqa' fi stat ferm ikrah, għalkemm xorta waħda baqa' jirreżisti, taħt tmexxija għaqlija Ingliża, lill-għadu sa l-aħħar. F'dan il-perjodu nsibu lil Sciortino jagħmel xi xogħlijiet fil-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ. Mill-bqija, ftit li xejn ħadem xogħol ta' l-arti. Fl-1950 ħadem il-monument għal fuq il-qabar tal-familja tiegħu stess fiċ-ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù f'Ħaż-Żebbuġ.

Fl-1954, Sciortino reġa' lura lejn il-Kanada, fejn irtira mix-xogħol ta' l-iskultura peress li l-vista kien naqsitlu ħafna. Huwa kien joqgħod f'Oka, raħal żgħir li jinsab 35 mil 'l bogħod minn Montreal. Kien iqatta' l-ħin liberu tiegħu fil-kampanja minħabba l-interess li kellu fin-natura. Francesco Saverio Sciortino miet f'Oka fl-1 ta' Settembru, 1958 fl-età ta' 84 sena u jinsab midfun fil-qabar tal-familja li kien iddisinja hu stess ġewwa Ħaż-Żebbuġ[5].

## Francesco Saverio Sciortino u x-xogħlijiet tiegħu fin-Nadur

Issa, wara li tajt ħarsa lejn ħajjet dan l-artist, xieraq li nitkellem ftit dwar xi xogħolijiet tiegħu fin-Nadur. Dawn ix-xogħolijiet mhumiex ftit, u jvarjaw minn proġetti kbar bħat-tibdil u t-tisbiħ tal-Kolleġġjata għal relikwarju u sett fanali. Nibda bl-aktar proġett kbir li daħal għalih Sciortino fin-Nadur. Tħares mil-liema naħa tħares lejn il-knisja, dejjem ser tilmaħ l-intervent ta' Sciortino, issa l-koppla, n-navati jew il-faċċata. Dan il-proġett nistgħu ngħidu li kien l-ewwel proġett kbir ta' Sciortino fin-Nadur. Il-laqgħa ta' Sciortino mal-Kan. Martin Camilleri ma' waqfitx l-Italja, imma kompliet tissaħħaħ. Il-Kan. Martin għaraf mill-ewwel il-ħiliet ta' dan l-artist u għalhekk afdalu f'idejh it-tkabbir u t-tisbiħ tal-knisja tan-Nadur. Dan il-proġett kien ilu jberren f'moħħ dan il-qassis mill-1897. Biex nagħti xhieda primarja tar-relazzjoni bejn Dun Martin u Sciortino, ser nikkwota x'qal Sciortino nnifsu:

> Kont Ruma, nistudja fir-*Regio Istituto di Belle Arti.* Lejn l-1900, wasal Dun Martin, kanonku tan-Nadur t'Għawdex...biex jistudja fl-Universitá Gregorjana. Hu sab alloġġ f'kamra tmiss ma' tiegħi, fil-kwartier *Prati di Castello.* Meta konna nkunu liberi, id-diskors kien jaqa' fuq l-arti u fuq ħwejjeġ oħrajn. Konna mmorru naraw monumenti ta' arkitettura u skultura. Jien kien ikolli noqgħod infisser u nagħmilha ta' gwida. Jidhirli li Dun Martin reġa' lura lejn in-Nadur fl-1901, u jiena mort lejn Milan għal sena fl-*Accademia di Belle Arti,* f'Palazzo Brera.[6]

Il-proġett tat-tkabbir tal-Knisja beda jseħħ fl-1904. Hawn ukoll ser nikkwota x'qal Sciortino dwar kif ġie kkumissjonat għal dan il-proġett:

> Fis-sena 1903, jiena erġajt lura lejn Malta. Madwar sena wara (1904), ġie għandi Dun Martin u fissirli li ried ikabbar il-knisja. Issokta jgħid li, billi kien jaf xi studju għamilt u x'ħila kelli, ried ifittex lili qabel ma jmur għand oħrajn. Jiena qbiżt qabża san-Nadur, eżaminajt tajjeb il-knisja, u aċċettajt li nidħol għall-opra. Dun Martin ordnali naħdem fuq pjan arkitettoniku possibilment differenti minn dak tal-knejjes l-oħrajn kollha tal-gżejjer tagħna. Hu kien qed iħossu ispirat mill-knejjes li aħna t-tnejn flimkien konna żorna f'Ruma. Hu qalli wkoll: 'Niżgurak li nħallsek għall-pjanta arkitettonika tiegħek; imbagħad, għax-xogħol tal-kostruzzjoni, nistgħu nagħtu bidu, imma l-flus huma neqsin. Għalhekk nittama f'Alla u ma naqtax qalbi'. Dak iż-żmien, jiena kelli 27 sena. Wara l-istudji tiegħi fl-Italja, din kienet l-ewwel opra ta' din ix-xorta. Żgur li ridt nirnexxi. Dħalt għall-istudju tagħha b'entużjażmu.[7]



*Il-koppla tan-Nadur waqt li qed tinbena*

Mhux l-intenzjoni tiegħi li nidħol fid-dettal tax-xogħolijiet ta' Sciortino fin-Nadur. Imma xieraq li nispjega x'kienu dawn ix-xogħolijiet. Il-koppla tan-Nadur tabilħaqq kienet xi ħaġa ġdida f'Malta u Għawdex. Hija koppla oriġinali, mibnija fuq stil rinaxximentali tas-seklu sbatax. Kienet l-ewwel koppla li kisret ir-rekord tan-nofs ċirku. Fi kliem ieħor, l-ebda koppla f'pajjiżna ma kienet tiskorri n-nofs ċirku. Tan-Nadur kienet skorrietu. Tabilħaqq hija koppla armonjuża u proporzjonata kemm fit-tul, wisa' fit-twieqi u anke fil-prespettiva tagħha. Anzi, dan kollu għal ftit ma ġiex miġjub fix-xejn. Dun Martin beża li l-knisja tan-Nadur ma kinitx tiflaħ għal dak il-piż ta' koppla bħal dik. Dan kien għajdut reali. Imma Dun Martin kellu l-kuraġġ li jafda f'idejn Sciortino. Tabilħaqq li rnexxiet u għadha tista' titgawda sal-lum fl-oriġinalitá tagħha[8]. Minn ġewwa, id-dekorazzjoni ta' l-intern, huwa xogħol mill-ifjen ta' Sciortino. Ix-xogħol kien maħdum minn Pawlu Falzon fil-ġebla Maltija. It-twieqi tagħha huma fost l-aqwa aspetti li jsebbħu din il-koppla[9].



*Ix-xogħol tat-tkabbir u tisbiħ tal-Knisja tan-Nadur*

Barra minn hekk, saru wkoll navi, li ġew iddisinjati biex jarmonjaw il-kumplament tad-disinn. In-Navi ġew twal it-tul tal-korsija l-qadima u iktar, b'hekk il-knisja tan-Nadur kienet tkabbret ħafna iktar milli kienet qabel. Pawlu Falzon kien l-iskultur li ta kontribut kbir fix-xogħol ta' dan il-proġett kollu.

Il-faċċata, żgur li tiddomina l-pjazza tan-Nadur bil-ġmiel tagħha. Mhijiex il-faċċata li soltu naraw f'ħafna rħula ta' Malta u Għawdex, anzi hija pjuttost iktar kumplessa u animata b'tali mod li kull min jaraha jibqa' mpressjonat bid-dehra majestuża tagħha.Tajjeb li nsemmi wkoll li Sciortino reġa' ġie mitlub jżid statwa fil-faċċata lejn in-nofs tas-seklu għoxrin, filfatt din l-istatwa saret u tirrappreżenta l-virtujiet teologali: Fidi, Tama u Mħabba. Dan il-proġett kollu tat-tkabbir tal-knisja, Sagona jikkummenta hekk fuqu: "dan (ix-xogħol) huwa probabilment l-iktar mertu arkitettoniku importanti tiegħu"[10].

Illum il-ġurnata għandna l-vantaġġ li nħarsu lura lejn dak li ġara, mhux biss, imma għandna ammont ta' ritratti ta' din il-biċċa xogħol tassew kbira meħudin minn Mikieli Farruġia[11]. Għalhekk nistgħu nqabblu l-knisja tan-Nadur qabel u wara l-proġett. Evidentament ħadet xejra ġdida u aktar sabiħa. Dan kien wieħed mill-ikbar proġetti ta' Sciortino li żgur jibqa' jfakkru għal ġenerazzjonijiet sħaħ.




*Ir-Relikwarju li sar fl-1915*

Barra minn dan kollu, hemm xogħolijiet oħrajn tiegħu, li tagħhom ser nagħti ħarsa.

Wieħed mill-ewwel xogħolijiet ta' Sciortino huma d-disinn ta' sett fanali tal-purċissjoni għall-konfraternitá ta' San Pietru u San Pawl. Skond Mark Sagona, din hi waħda mill-iktar *objects d'art* interessanti li hemm fil-Knisja tan-Nadur. Dawn ġew prodotti meta l-artist kien għadu student fl-*Accademia di Belle Arti* fi Brera, Milan, allura lejn l-1903. Dan kien, biex ngħid hekk, l-ewwel frott tal-ħbiberija bejn Sciortino u l-prokuratur tal-konfaternitá ta' San Pietru u San Pawl il-Kan. Martin Camilleri, li wara sar Arcipriet tan-Nadur. Dawn huma uniċi fl-għamla tagħhom fil-gżejjer Maltin, speċjalment fil-mod ta' kif jinqatgħu mill-kunċett tradizzjonali tal-fanali. L-iktar ħaga nteressanti fihom hija bla dubju, l-globu. Dawn iż-żewġ fanali għandhom sens ta' sempliċitá li huwa karatteristiku ta' Sciortino. Din is-sempliċitá hija magħquda ma' element modern li juri l-ħila ta' dan l-artist.[12]

Fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-koppla tan-Nadur, fl-1915 ġie mżanżan relikwarju li fih kien jiġbor ir-relikwi ta' San Pietru u San Pawl. Id-disinn tar-relikwarju kien ta' Sciortino u nħadem minn Pawlu Falzon minn Ħal Balzan. Skond Sagona, dan ġara qabel l-1914, eżattament qabel ma' emigra lejn il-Kanada. Dan huwa xogħol differenti minn oħrajn li għamel Malta. Qabel xejn irridu niskopru sa fejn wasal ix-xogħol ta' Sciortino u fejn beda xogħlu Falzon. Problema oħra hija li probabilment, l-Arcipriet Camilleri jew il-benefatriċi tar-relikwarju Rosaria Agius, kienu qed isostnu fuq Sciortino biex iżomm mal-*barocchetto.* Dan ir-relikwarju għadu sal-lum fil-kaxxa originali tiegħu magħluq. Huwa ta' mertu artistiku konsiderevoli, fuq l-istil *barocchetto,* maqsum fi tlett partijiet: pedestall tqil, is-sieq tiegħu u fuqha hemm il-kontenitur tar-relikwi. Fuq nett insibu żewġ frieghi bis-salib fin-nofs.[13]

Proġett kbir ieħor ta' Sciortino kien l-orgni tan-Nadur u l-proġett tal-gallerija. Sciortino nnifsu kkunsidra din il-kummisjoni għal dan il-proġett bħala xi ħaġa importanti ħafna u kien jaraha bħala l-pass finali li jgħaqqad u jarmonizza il-kumpless kollu: "bil-gallerija ta' l-orgni jew *cantoria*, l-ikbar difett arkitettoniku, li kellu jiġi kkoreġut fil-knisja, ġie eliminat", sqarr hu stess. Ix-xogħol beda f'Settembru, 1949. Ix-xogħol huwa dokumentat b'mod tajjeb, Sciortino rċieva l-ewwel ħlas fit-28 ta' Diċembru, 1949 u l-aħħar pagament fis-17 ta' Settembru, 1951. B'kollox irċieva mhux inqas minn £850. Għax-xogħol ta' l-injam kien responsabbli Giovanni Falzon, u dan kien imħallas £269.2s għal xogħolu. Imbagħad, minn naħa l-oħra, Sciortino ħadem ix-xogħol tiegħu f'daru, li kienet f'Birkirkara. Skond Sagona, il-gallerija hija biċċa xogħol ta' ħila artistika u jistqarr li "għalkemm ix-xogħol huwa produzzjoni li ġiet tard fil-karriera ta' l-artist, imma xorta waħda hija tirrifletti ħafna elementi ta' l-arti ta' Sciortino."[14]. F'moħħu, l-artist kellu li jagħmel spazju biżżejjed biex toqgħod orkestra jew kor. Fil-faċċata ta' din il-gallerija jispikkaw il-figuri ta' l-anġli u fihom, Sciortino jlaqqa żewġ temi mportanti: ir-rappreżentazzjoni tal-*cantoria* u l-kunċett tat-talb. Irridu niftakru li din hija gallerija li ġiet ddisinjata għal ġo knisja u allura, billi l-kant huwa mezz ieħor ta' kif titlob, dawn iż-żewg temi, ta' *cantoria* u talb jitwaħħdu flimkien b'mod armonizzat. Sciortino stess stqarr li "il-karattru ta' din il-gallerija mhux tejatriku bħal ma' hu prodott f'diversi knejjes f'Malta u Għawdex. Il-gallerija tagħna hija ta' karattru reliġjuz u ekkleżjali, bħal ma' xogħol f'postijiet ta' talb għandu jkun"[15]. Interessanti l-fatt kif Sciortino jgħid "il-gallerija tagħna", tant kien marbut ma' din il-knsija li kienet iġġorr magħha tant siegħat ta' xogħol u dedikazzjoni fil-ħajja ta' dan l-artist. Biex tikkumplimenta l-gallerija, sar ukoll xogħol biex jissebbaħ l-orgni. Għaldaqstant, Sciortino ddisinja struttura f'forma ta' arkata tistrieħ fuq żewġ pilastri.[16]

Franċesco Saverio Sciortino jibqa' bniedem imfakkar għal ġenerezzjonijiet sħaħ fin-Nadur għax-xogħol li wettaq. Nistgħu ngħidu li għal dan l-artist, in-Nadur kien wieħed mill-iktar postijiet li fihom ħalla xogħlijiet f'ħajtu. Dan kollu għamlu fuq ir-rieda ta' missirijietna li kellhom mħabba lejn il-maqdes tagħhom li fih għadna nistgħu nidħlu llum u, barra li niftakru fihom u f'min ħalla l-opri tiegħu hemm, nkomplu nużawh bħala d-Dar t'Alla, l-istess bħal ma' għamlu missirijietna meta qabbdu lil Sciortino biex isebbaħ dan il-maqdes bil-għan li d-Dar t'Alla tkun post xieraq li tilqa' lill-Ħallieq u l-Missier tagħna.

---

Kortesija tar-ritratti:
Sit elettroniku ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta:
http://www.haz-zebbug.com/francesco_saverio_sciortino.php (ritratti numri: 1 u 5)
Camilleri, Dun Dumink, 75 Sena mill-Inawgurazzjoni tal-Koppla tal-Bażilika tan-Nadur, 1990 (ritratti numri: 2,3,4)

Riferenzi:

[1] http://www.haz-zebbug.com/francesco_saverio_sciortino.php
[2] Camilleri, Dun Dumink Francesco Saverio Sciortino, Artiklu f'pubblikazzjoni: 75 Sena mill-Inawgurazzjoni tal-Koppla tal-Bażilika tan-Nadur, 1990, pġ. 9.
[3] Sagona Mark, The Designs of Abram Gatt, Francesco Saverio Sciortino, Emmanuele Buhaġiar and Giuseppe Galea for the Churches of Gozo, (Dissertation B.A.(Hons) Storja ta' l-Arti, l-Università ta' Malta), 1999, pġ. 49-50
[4] http://www.haz-zebbug.com/francesco_saverio_sciortino.php
[5] Ibid.
[6] Bonnici, Alexander, In-Nadur: Ġrajjiet kolleġġjata u Bażilika Imxebilkin fil-ħajja Soċjali ta' Għawdex, Vol II,1984, pġ 258.
[7] Ibid. pġ. 259.
[8] Camilleri, op.cit. pġ.22-23.
[9] Sagona, op.cit. pġ.66-67
[10] Ibid. pġ.50
[11] Ibid. pġ.28.
[12] Ibid. pġ.52-54
[13] Ibid. pġ.54-58
[14] Ibid, pġ. 58
[15] Ibid, pġ. 59
[16] Ibid, pġ.58-64



Gebuba
WINE BAR
the cosy little lounge
NADUR SQUARE ~ GOZO

Għal servizz komplut ta' funerali
f'kull ħin tal-ġurnata (anke bil-lejl)
ċempel lil
**Joe Curmi tal-Girbi**
Triq il-Knisja, Nadur
fuq tel no: 2155 5276 / mob: 7956 5493
Prezzijiet moderati ħafna fuq
twiebet importati minn barra u ta' Malta